MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2008

Numru 424/2004

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Godfrey Ciangura ta’ 30 sena bin Paul u Carmen nee Galea mwieled Pieta’ fis-17 ta’ Jananr 1974 u residenti Ace Blocks Falt 3 Triq il-Fejgel Rabat detentur tal-karta t’ l-identita’ bin-numru 70174 (M)

2. Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fil-21 ta’ Frar 2004 u matul dan l-aħħar xahar ġewwa Buġibba u bnadi oħra f’Malta f’ħinijiet differenti kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l_Ordinanza Dawr il-Meiċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-Raba’ u s-Sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta me kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’

Malta li jkollu fil-pussess tiegħu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija kienet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti mesmmija u dan bi ksur ta-regolament 9 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'ċirksotanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

3. Rat l-atti kollha tal-Proċess inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-11 ta' Ġunju 2004, l-Istqarrija ta' l-Imputat, il-fedina penali tiegħu, iċ-ċertifkat tat-twelid bin- numru 701 ta' l-1974, il-verbal fejn saret il-bidla fid-data tat-twelid ta' l-imputat liema bidla kienet awtorizzata mill-Qorti u l-imputat ta' ruħu notifikat biha (fol.6), il-ħatra ta' l-Ispiżjar Mario Mifusd bħala analista, ir-relazzjoni ta' l-istess espert a fol.25 et, id-dokument ippreżentat mid-difiża a fol 123u r-rapport tal-Probation Officer a fol.137.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli Difensur.

**Ikkonsidrat.**

**Il-Pussess Sempliċi**

6. Ta' lanqas erba' persuni xehdu li raw lill-imputat jarmi l-bott bid-droga kokaina meta daħlu fil-fond ta' Buġibba. L-imputat ma nnegax li dan kien tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda (fol 50 u 57). Il-pussess sempliċi f'ammont serju huwa ppruvat.

**Il-Pussess Aggravat**

7. Id-duttrina dwar il-Pussess aggravat fil-ġurisprudenza tagħna tista' tinġabar f'dawn il-prinċipji segwenti:

(a) Il-pożizzjoni legali hi ċara: il-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju ddettat mir-raġuni u a bażi tal-provi li jinġabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv tal-pussessur. **Prova, ossia ċirkostanza waħda** f'dan ir-rigward **tista'**, (enfasi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali) skond iċ-ċirkostanzi tal-każ **tkun biżżejjed**. (Il-Pulizija versus Carmel Degiorgio Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri 26 t'Awssiu 1998 – Preseduta mill-Onor. Vincent Degaetano).

(b) L-ewwelnett wieħed għandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wieħed jassoċja ma' użu personali u sa hawn il-piż tal-prova (u cioe' l-prova ta' l-ammont u tal-pussess) qiegħed fuq il-Prosekuzzjoni ; jekk pero' dak l-ammont ikun tali li normalment wieħed ma jassoċjahx ma' l-użu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bażi ta' probabilita', li dak l-ammont kien għall-użu esklussiv tiegħu u dan bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap 101. [1] (Il-Pulizija versus Mohammed Ben Hassan Trabelsi – 17 ta' Frar 1997 Qorti ta' l-Appell Kriminali – Preseduta mill-Onor.Vincent Degaetano).

(ċ) Il-Qorti qed tirreferi wkoll għall-każ: 'Il-Pulizija versus Carmel Spiteri' (Appell Numru 307/98) (Qorti ta' l-Appell Kriminali: Imħallef l-Onor.Dr.Vincent de Gaetano LL.D.) fejn il-Qorti qalet:

'L-ammont ta' raża meħuda mill-pjanata kannabis (**mhux kokaina**) li kien ta' 179.8 grammi – dan il-fatt waħdu ma jirrendix il-verżjoni mogħtija mill-appellant waħda inverosimili. Din il-verżjoni (mogħtija fl-istqarrija lill-Pulizija u sostanzjalemnet konfermata bil-ġurament fil-Qorti) hi fis-sens li hu kien xtara r-raża minn għand persuna xi tliet xhur qabel ma sabuha l-Pulziija u li kien juża ammonti żgħar mill-istess raża biex ipejjep meta ma kienx jista' jorqod. Huwa veru, kif tajjeb osservat l-Ewwel Onorabbli is-Qorti fis-sentenza tagħha, li meta l-ammont ta' droga

[1] '26(1) F'kull proċediment kontra persuna għal reat kontra din l-Ordinanza, ma jkunx jeħtieġ li ssir il-prova tan-nuqqas ta' liċenza, awtorizzazzjoni jew materja oħra ta' eċċezzjoni jew ta' difiża, u l-obbligu li jipprova li hemm din il-liċenza, awtorizzazzjoni ***jew materja ta' eċċezzjoni jew difiża jmiss lill-persuna li tkun trid tinqed biha.'***

kien pjuttost sostanzjali, din tista' tkun ċirkostanza li waħedha tkun biżżejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskussiv tal-ħati. Fil-każ in diżanaima , pero' din il-Qorti hi tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li l-pussess ma kienx għall-użu esklussiv ta' l-appellant.'

8. Il-Qorti mbagħad, tenut kont ta' l-ammont involut, ikkundannat lill-imputat għal 5 xhur priġunerija u għall-ħlas ta' Lm250 multa minħabba li din tikkostitwixxi perikolu għal terzi.

9. Fil-każ in eżami l-Qorti qed tikkonsidra

**(i) dawn l-elementi ta' prova li ressqet il-Prosekuzzjoni:**

(a) Il-miżien ta' Buġibba u dak tar-Rabat (fil-garage biswit ir-residenza ta' l-imputat);
(b) L-ammont ta' droga involuta.

**(ii) il-provi u s-sottomissjonijiet tad-Difiża li huma:**

(a) Il-miżien tar-Rabat ma kienx jiffunzjona;
(b) Li l-imputat ikkorrobora l-verżjoni tiegħu;
(ċ) Li c-circumstantial evidenza trid il-korroborazzjoni (Ara; Il-Pulizija versus Emanuel Camilleri);
(d) Li l-Pulizija naqset li tikkorrobora l-provi / fatti tagħha;
(e) Li l-imputat kien xtara d-droga għalih innifsu u li hu lanqas biss kien jaf x'inhi droga;
(f) Li l-imputat jaf kif jispelli ismu u ma jispellihx kif kien hemm miktub fuq il-karta misjuba fil-borża fid-dokument immarkat 061/05/01.

**L-imwieżen**

10. Il-Qorti qed tikkonsidra li l-miżien tar-Rabat mhux prova ċara biżżejjed sabiex issib lill-imputat ħati ta' pussess aggravat kemm jekk din kienet kwistjoni ta' nuqqas ta' adaptor kif ukoll jekk tassew ma kienx

jiffunzjona. L-espert tal-Qorti ma qalx li l-miżien ma kienx jaħdem iżda ‘li ma setax jiġi ippruvat minħabba n-nuqqas ta’ adaptor.’

11. Il-Qorti qed tikkonsidra li l-miżien li nstab fil-fond ta’ Buġibba ma kienx ta’ l-imputat iżda ta’ persuna oħra.

12. Ħaġa stramba kif iż-żewġ miżininijiet huma ta’ l-istess ditta ‘Tanita.’.

13. Ħaġa iżjed stramba hija kif l-imputat jiċċaqlaq bejn miżien Tanita u ieħor u t-tnejn ikun fihom it-traċċi tal-kokaina. Din il-kumbinazzjoni ma ħarġet ebda spjega għaliha u hija kumbinazzjoni li ma sseħħx malajr.

**L-Ammont ta’ Droga Involuta.**

14. L-ammont stabbilit huwa wieħed serju ħafna għaliex dan huwa ta’ 6.448 grammi ta’ kokaina b’purita’ ta’ 45%.

15. Dan l-ammont tqies bħala serju u indikattiv kemm fil-każ ‘Il-Pulizija versus Stephen Abela’ ( 5.948 grammi eroina) kif ukoll fil-każ reċenti ‘Il-Pulizija versus Jonathan Bonello’ (7.214 grammi eroina).

16. Fil-każ odjern il-purita’ hija għolja ħafna.

**17. Bir-rispett kollu dan l-ammont biss fil-pussess ta’ l-imputat għal jumejn sħaħ (kif xehed hu) huwa preokkupanti.**

18. L-imputat qal li din kienet l-ewwel darba li xtara d-droga u li t-traċċi tal-kokaina misjuba fuq il-miżien tar-Rabat kien xerridhom huwa stess.

19. Il-Qorti **ma ssibx attendibbli** l-verżjoni li ta l-imputat għaliex:

(a) ma jistax jitwemmen bniedem li jgħid li qatt ma kellu problema tad-droga u imbagħad f’daqqa waħda joħroġ balla liri Maltin (skond hu Lm150) u jagħtihom lil żewġt irġiel li ma jafhomx u lanqas biss ikun jaf kemm għandu

kokaina. Żgur li mhux affarijiet tas-soltu li wieħed jibda d-rgoa daqashekk bil-kbir tkun kemm tkun it-tentazzjoni;

(b) li raġel ta’ 29 sena l-ewwel jipprova l-kokaina ġewwa l-garaxx fejn kellha aċċess il-mara tiegħu u imbagħad iġorr daqs tant kokaina fuqu għal jumejn sħaħ għax jibża’ li ssibha l-mara;

(ċ) hija kumbinazzjoni tal-kumbinazzjonijiet li l-imputat imur javża lil persuna li ma kienx ġablu l-visa u propju għand din il-persuna jerġgħu jinstabu l-affarijiet li huma konnessi ma’ l-abbuż tad-droga;

(d) ma jistax wieħed jgħid li sejjer Bachelor’s party ta’ ħabib tiegħu u qabel tonfoq kull ma jkollok, tmur hemm mingħajr ċenteżmu u tittama li xi ħabib iħallas meta f’Bachelor’s Party (imqar jekk ikun limitat għal drinks) wieħed mistenni jħallas id-drinks u’jew li-ikel tiegħu u parti mill-ispejjeż inkorsi mill-persuna loi ad unur tagħha jkun qed jiġi ċċelebrat il-party.

**Il-Punti tad-Difiża**

20. L-ewwel punt – il-miżien tar-Rabat – diġa kien ittrattat aktar ‘il fuq.

21. It-tieni punt hu li l-imputat ikkorrobora l-verżjoni tiegħu. L-imputat ikkorobora fatt wieħed – dak li mar għand Paul Attard biex jgħidlu li l-visa ma kinitx ġiet approvata. Imbagħd tella’ wkoll il-mechanic biex juri għalxiex l-imputat kien qiegħed Buġibba. Iżda dawn iż-żewġ elementi ma jikkoroboraw xejn mill-istorja stramba ta’ kif ammont bħal dak ta’ droga kien qiegħed fuqu f’fond fejn kien hemm manifestiment abbuż tad-droga. Żgur li dawn il-provi ma jikkorroboraw xejn minn dak li għandu x’jaqsam mal-fatti ewlenin tal-każ odjern.  M’hemmx għalfejn wieħed ikun qed iġorr aktar minn sitt grammi kokaina meta sempliċiment ikun ser jgħarraf lill-persuna oħra li l-visa ma waslitx.

22. It-tielet punt kien dwar il-korroborazzjoni ta’ l-evidenza ċirkostanzjali. Bifr-rispett kollu, il-kwistjoni tal-

korroborazzjoni hija regolata fil-Liġi tagħna bl-artikoli 639 tal-Kap 9 li dan l-aħħar reġa’ kien emendat. Fit-tliet paragrafi ta’ dan la-ritkoli l-Qorti am sabet ebda asserzjoni bħala dik proposta mid-difiża u li qed ikun sottomess li tirrifletti dak li tgħid is-sentenza ‘Il-Pulizija versus Emanuel Camilleri.’ Bil-maqlub il-każistika li rreferiet il-Qorti aktar ‘il fuq (Il-Pulizija versus Carmel Degiorgio) issostni bil-maqlub. Fil-fehma tal-Qorti, il-kwotazzjoni mill-każ ‘Il-Pulizija versus Carmel Degiorgio’ tagħmel aktar sens u bl-edba mod ma tmur ‘il hemm minn dak dettat mill-artikolu 639 tal-Kap 9.

23. Ir-raba’ punt kien li l-Pulizija naqset li tikkorrobora l-provi tagħha. Il-Qorti eżaminat dan il-punt ukoll. Skond l-artikolu 632(2 tal-Kap 9 it-testimonjanza ta’ xhud wieħed hija biżżejjed. Ġaladarba dan l-artikolu jgħid hekk u l-fatti odjerni ma jaqgħux taħt il-provvedimenti ta’ l-artikolu 639, ma jirriżultax li kien hemm xi obbligu fuq il-Prosekuzzjoni li tikkorrobora l-evidenza prodotta. Lanqas ma kien bilfors li l-Prosekuzzjoni ttella’ kull persuna preżenti meta sar ir-rejd jekk hi ħasset li kellha provi biżżejjed għall-imputazzjoni magħmula.

24. Il-ħames punt kien li l-imputat kien xtara d-droga għalih innifsu. Filfatt l-imputat irrepeta li d-droga kienet għalih u mhux għal ħadd ieħor. Din il-Qorti iżda ma ssibx li kien attendibbli għar-raġunijiet miġjuba ‘l fuq. Aktar u aktar meta a fol.89 qal: ‘Anke issa għandi Lm150 lira fil-but’ u żewġ minuti wara (a fol.92) huwa qal: ‘Hawn hekk għandi erba’ liri.’

25. Is-sitta u l-aħħar punt kien li l-imputat jaf jispelli ismu waqt li fuq il-karta dan kien spellut ħażin. Il-Qorti kkonsidrat li l-imputat xehed li d-droga misjuba fid-dokument 061/05/01 kienet tiegħu. Għaldaqstant m’hemmx dubju li l-imputat kellu l-pussess tal-kokaina. Jekk dan inkiteb minn ħadd ieħor, isegwi li minn għadda l-kokaina lill-imputat kien jaf lill-imputat. Il-karta bl-isem ta’ l-imputat – li ħafna jispelluh b’mod differenti – ma sabitx ruħha b’kumbinazzjoni għand l-imputat.

26. Għar-raġunijiet esposti l-Qorti qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

**Konklużjoni**

27. Il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101, ir-regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u, wara li kkonsidrat ir-rapport tajjeb tal-Probation Officer u l-fedina penali,qed tikkundannah għal piena ta' għaxar (10) xhur priġunerija u multa ta' 932 Euros jew erba' mitt lira Maltija (Lm400). Din tista' titħallas b'rata ta' 93.2 Euros (erbgħin lira Maltija Lm40) fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Euros (Lm5) li ma jitħallasux.

28. Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta' l-espert maħtur mill-Qorti li jammontaw għal 673.603 Euros (Lm289.10).

29. Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------